# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 4**
**Rikors numru 472/2013 AE**

**Anthony Formosa**

***v.***

**L-Avukat Joseph Ellis; il-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil; u d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Novembru 2013 wara rikors ta' Anthony Formosa magħmul taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jattakka taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji maħruġa mir-reġistratur tal-qorti.

2. Ir-rikorrent Formosa kien patroċinat mill-intimati Avukat Joseph Ellis u Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil fi proċeduri fl-ismijiet *Busy Bee*

Estates Limited v. Anthony Formosa et (rikors numru 651/2007) li fihom ir-rikorrent Formosa kien wieħed mill-konvenuti. Waqt is-smigħ ta' dawk il-proċeduri, wara li kienet ippreżentata tweġiba iżda qabel ma l-kawża ġiet differita għas-sentenza, ir-rikorrent Formosa abbanduna lill-Avukat Ellis u lill-Prokuratur Legali Busuttil, intimati fil-proċeduri tallum, u qabbad avukat u prokuratur legali ieħor. Il-proċeduri nqatgħu b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 u nħarġet taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji.

3. Għalkemm l-Avukat Ellis u l-Prokuratur Legali Busuttil kienu abbandunati mir-rikorrent Formosa, dawn b'ittra ġudizzjarja tat-18 ta' April 2013 sejħu lill-istess Formosa biex iħallas id-drittijiet ġudizzjarji kollha tal-ewwel grad li jmissu lill-avukat u lill-prokuratur legali tal-konvenut, kif ukoll it-taxxa fuq il-valur miżjud, u mhux biss is-sehem imnaqqas li jkun imiss lill-avukat abbandunat mill-klijent taħt il-para. 33 tat-Tariffa E mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

4. Billi jidhirlu illi t-taxxa ta' drittijiet kellha turi li lill-Avukat Ellis u lill-Prokuratur Legali Busuttil imiss sehem imnaqqas, li fil-fehma tiegħu hu ta' wieħed minn tlieta (⅓), ir-rikorrent fetaħ dawn il-proċeduri tallum taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u talab illi l-qorti:

> »… … … tordna lill-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali, sabiex jikkorreġi l-imsemmija taxxa … … … sabiex id-dritt dovut lill-Avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busutill, għar-rigward il-proċeduri konklużi fl-ewwel istanza, ikun stabillit fir-rata ta' terz (⅓) tat-total dovut lill-avukat u l-prokuratur legali fl-imsemmija taxxa … … … «

5. L-ewwel qorti ipprovdiet hekk dwar it-talba:

> »Permezz ta' rikors prezentat fis-17 ta' Mejju 2013 ir-rikorrent qiegħed, a tenur tal-artikolu 64 tal-Kap. 12, jitlob ritassa ta' taxxa maħruġa mir-reġistratur dwar id-dritt tal-intimati Ellis u Busuttil. Taxxa li nħarġet fis-16 ta' Ottubru 2012 b'riferenza għall-kawza *Busy Bee Estate Limited v.* Anthony Formosa *et* deċiza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 … … …
>
> »L-intimati Ellis u Busuttil wiegbu li:-
>
> »i. din il-qorti m'għandhiex kompetenza *ratione valoris*;
>
> »ii. it-taxxa hi ġusta u korretta. L-Avukat Errol Cutajar assista lir-rikorrent mingħajr ma talab rilaxx kif kien tenut jagħmel skond il-kodiċi ta' etika professjonali, u qatt ma assuma formlament l-inkarigu sabiex jassisti lir-rikorrent minflokhom. Għalhekk ir-reġistratur ma kienx f'posizzjoni li joħroġ taxxa separata għas-servizzi reżi.
>
> »… … …
>
> »Il-qorti rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent u l-intimati Ellis u Busuttil, u tosserva:-
>
> »i. it-taxxa li ħareġ ir-reġistratur sempliċiment tgħid x'inhuma l-ispejjeż ġudizzjarji tal-attur u tal-konvenut. Ma jirriżultax fuq talba ta' min inħarġet. It-taxxa ma tgħidx x'inhu d-dritt li għandu jedd għalih l-Avukat Ellis u l-Prokuratur Legali Busuttil, iżda sempliċiment x'inhu d-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali irrispettivament min kien.
>
> »ii. mill-ittra uffiċjali u t-taxxa, jidher li d-dritt li qegħdin jippretendu l-intimati jirreferi għad-dritt sħiħ sakemm il-każ ġie deċiż mill-Prim'Awla.
>
> »iii. ir-rikorrent m'huwiex jikkontesta l-ammonti li ġew intaxxati, iżda qiegħed isostni li l-Avukat Dr Ellis u l-Prokuratur Legali Busuttil m'għandhomx jedd għad-dritt sħiħ peress li ma baqgħux jippatroċinawh tul il-proċess kollu.
>
> »iv. għalkemm l-intimati qalu li l-avukat li daħal jassisti lir-rikorrent ma kienx talab li jingħata rilaxx qabel ma beda jiddefendi lir-rikorrent u li dan jissarraf fi ksur tal-kodiċi ta' etika, dan l-argument ma huwiex rilevanti. … … … Però hu evidenti li fil-kors tal-kawża *Busy Bee Estate Limited v.* Anthony Formosa *et* (651/07), ir-rikorrent kien abbanduna lill-Avukat Dr Ellis u lill-Prokuratur Legali Busuttil u fittex is-servizz ta' ħaddiehor. M'huwiex importanti jekk talabhomx jagħtuh *release*. Għalhekk fil-prinċipju jidher li jekk wieħed kellu jintaxxa d-dritt tal-Avukat Dr Ellis u tal-Prokuratur Legali Busuttil, dan għandu jkun bażat fuq il-paragrafu 33 tat-Tariffa E.
>
> »v. fil-fehma tal-qorti l-ilment tar-rikorrent kien ikun ġustifikat kieku r-reġistratur ħareġ taxxa f'isem Dr Ellis u l-Prokuratur Legali Busuttil. Fl-ebda parti tat-taxxa impunjata ma jingħad x'inhi s-somma dovuta lill-intimati għas-servizz li taw lir-rikorrent. Kull ma għamel ir-reġistratur kien li jiddetermina l-ispejjeż ġudizzjarji ta' kull parti, u li jinkludu dawk tal-avukat u prokuratur legali. Fil-fatt

it-taxxa fiha żewġ kolonni, wahda "Attur" u l-oħra "Konvenut". Għalhekk il-proċedura kontemplata fl-artikolu 64 tal-Kap. 12 m'hijiex dik idoneja għall-ilment tar-rikorrent. Il-kwistjoni li għandu r-rikorrent m'hijiex mar-reġistratur iżda mal-intimati l-oħra peress li qiegħed isostni li qegħdin jitolbuh ħlas li m'għandhomx jedd għalih. Din m'hijiex materja li għandha tikkonċerna lir-reġistratur ġaladarba huwa ma intaxxax id-dritt li huma intitolati għalih l-intimati. Irrispettivament jekk fir-realtà t-taxxa annessa mal-ittra uffiċjali tat-18 ta' April 2013, jekk għall-grazzja tal-argument hi, ma jfissirx li r-rikorrent m'għandux jedd jikkontesta l-pretensjoni tal-Avukat Dr Ellis u tal-Prokuratur Legali Busuttil sabiex jottjeni dikjarazzjoni li s-somma intaxxata bħala dritt tal-avukat u prokuratur legali m'hijiex kollha dovuta lill-intimati. Però dan ma għandux isir fi proċedura li ssir skond l-artikolu 64 tal-Kap. 12 meta tqis li bit-taxxa … … … ma jistax jingħad li r-reġistratur intaxxa d-dritt tal-Avukat Dr Ellis u l-Prokuratur Legali Busuttil.

»vi. taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji ma tinħarigx mill-qorti iżda mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali. Għalhekk il-fatt li tkun dwar kawża li ġiet deċiża mill-Prim'Awla m'huwiex rilevanti għal finijiet ta' kompetenza. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kaz <u>Buttigieg *nomine et v* Cauchi *proprio et nomine et*</u> (39/1992/2) deċiż fid-29 ta' Lulju 2004: "L-azzjoni a bażi tal-artikolu 64 hija separata u indipendenti mill-proċeduri li jkunu ġew deċizi, in kwantu fiha l-qorti tintalab biex tikkunsidra xi ħaġa li ġrat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni li kellha quddiemha bejn il-kontendenti, f'dan il-kaz l-intaxxar tad-drittijiet u l-ispejjeż tal-partijiet u l-ħruġ tat-taxxa relattiva da parti tar-reġistratur".

»L-ammont in kontestazzjoni huwa ta' €947.29. Pretensjonijet simili ma jaqgħux fil-kompetenza ta' din il-qorti. B'applikazzjoni ta' dak li ngħad mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Qorti Superjuri, fil-kaz <u>Francis Saliba *et v.* Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex *et*</u> (111/07) f'dik il-parti fejn fejn ġiet trattata eċċezzjoni identika, din il-qorti m'għandhiex kompetenza biex tikkunsidra t-talba għar-ritassa *ai termini* tal-artikolu 64 tal-Kap. 12.

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi r-rikors billi:-

»1. tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati;

»2. għal kull buon fini tiddikjara li l-proċedura kontemplata fl-artikolu 64 tal-Kap. 12 ma kenitx il-proċedura idonea sabiex ir-rikorrent jindirizza l-ilment tiegħu.

»Spejjeż a karigu tar-rikorrent … … …«

6. Ir-rikorrent appella b'rikors tal-20 ta' Novembru 2013 li għalih l-Avukat Ellis u l-Prokuratur Legali Busuttil wieġbu fit-22 ta' Frar 2018.

7. L-ewwel aggravju jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar kompetenza. L-appellant jibda billi jgħid illi s-sentenza appellata hija inkonsistenti

magħha nfisha għax l-ewwel qorti ma setgħetx tilqa' l-eċċezzjoni dwar nuqqas ta' kompetenza u fl-istess ħin tiddeċidi l-meritu.

8. Tassew illi kien ikun aktar loġiku għall-ewwel qorti li kieku, flok l-ewwel tqis l-meritu u mbagħad tiddeċiedi li ma kellhiex kompetenza biex tiddeċiedi l-meritu, bdiet billi tqis qabel xejn il-kwistjoni ta' kompetenza u, jekk issib li ma kellhiex kompetenza, tieqaf hemm. Dan iżda ma jfissirx illi, minħabba f'hekk, id-deċiżjoni dwar kompetenza għandha titwarrab; *se mai* għandu jitqies bħala *obiter dictum* dak li qalet l-ewwel qorti dwar il-meritu u jitqies biss bħala indikazzjoni siewja lill-appellant dwar kif kellu jimxi.

9. Dwar id-deċiżjoni nfisha fuq kompetenza, l-appellant igħid illi l-meritu li dwaru kellha tiddeċidi l-ewwel qorti għandu valur indeterminat u għalhekk jaqa' fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[1].

10. Il-meritu tal-proċeduri tallum huwa dwar il-validità jew il-korrettezza ta' taxxa ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji. Taxxa tinħareġ biex tindika ammont fi flus u biex tagħti titolu għal dak l-ammont. Għalhekk ma jistax jingħad, kif qiegħed jgħid l-appellant, illi l-meritu tal-kontestazzjoni ma għandux valur determinat. Anke t-talba stess fir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri – "sabiex id-dritt dovut lill-Avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busutill, għar-rigward il-proċeduri konklużi fl-ewwel istanza, ikun stabillit fir-rata ta' terz (⅓) tat-total dovut lill-avukat u l-prokuratur legali" – hija talba biex jiġi stabilit valur li jkun daqs wieħed minn tlieta (⅓) tal-valur muri fuq it-taxxa. Il-

[1] Art. 747(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

valur muri fuq it-taxxa ġà ma jaqbiżx il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati u jekk ikompli jitnaqqas kif irid l-appellant aktar u aktar ma jaqbiżx il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

11. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew li laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u, ladarba hemm nuqqas ta' kompetenza, il-kwistjoni tieqaf hawn, u ma jibqax meħtieġ li l-qorti tqis l-aggravju fuq il-meritu, li jolqot parti mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tista' titqies biss bħala *obiter dictum*.

12. Naturalment, il-kwistjoni dwar il-validità u l-korrettezza tat-taxxa, u l-*quantum* tad-drittijiet ġudizzjarji dovuti lill-intimati Ellis u Busuttil, tibqa' bla preġudizzju bejn il-partijiet.

13. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel qorti fuq l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris*. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jħallashom l-appellant Anthony Formosa.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm